**Minuti tat-tnax (12)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Novembru, 2012 fit-3:00 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---------------------------------------------------------------------------------------------------

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba u minuta silenzju għall-mibki Bryan Portelli, iz-zgħazugħ Naduri li miet traġikament fl-ispluzzjoni tal-kamra tan-nar fl-Għarb nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru.

2. **Tifkira.** Is-Sindku propona li jsir tifkira/monument għal Bryan Portelli. Hu ssuġġerixxa li din it-tifkira/monument issir jew fil-Gnien il-Kunsill jew fuq il-pedastal diġa eżistenti li hemm fi Triq it-Torri ta' Kenuna. Il-Kunsilliera prezenti kollha qablu ma' dan is-suġġeriment u qablu li t-target ikun li jitlesta sabiex jiġi nawgurat fil-Jum il-Kunsill 2013. Ser issir sejħa lill-artisti għad-diżinn ta' dan il-monument. Josianne Cutajar issuġġeriet li ssir rikonniximent lil-familja ta' Bryan Portelli kif ukoll familji oħrajn li nishom taw sehem attiv fir-raħal. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kumitat tal-Festi Esterni iddeċieda li fl-Imnarja 2013 ma jsirx ħruq ta' nar. L-attivitajiet kollha li kellhom issiru mill-Kunsill bejn l-4 ta' Novembru u t-13 ta' Novembru fl-okkazzjoni ta' Jum il-Kunsill ġew imħasra b'sens ta' sogħba għat-telfa ta' Bryan Portelli.

3. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru ħdax (11) tas-seba' Kunsill ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

4. **Passaġġi.** Kif ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti ġie kkonfermat li l-passaġġi f'tad-Duru għandhom isiru u l-passaġġ f' ta' l-inħawi magħrufa bħala ta-Sinet għandu jsir minn ta' l-ewwel.

5. **Eko Għawdex.** Ix-xogħolijiet f Wied Bingemma fl-iskema ta' Eko Għawdex huma lesti. Għad fadal biss xi toqob li jridu jsiru fin-naħa t'isfel biex l-ilma tax-xita jkun jista jinxtorob, kif qed jitolbu xi bdiewa tal-inħawi.

6. **Premju Ġieħ in-Nadur.** Iċ-ċeremonja ta' Premju Gieh in-Nadur li kellha ssir mal-kunċert tal-Banda fl-okkazzjoni tal-festa ta' San Kuronatu tħassret

minhabba luttu bit-traġedja tal-kamra tan-nar u għalhekk din iċ-ċeremonja ser issir nhar il-Gimħa 30 ta' Novembru fis-Sala Joe Tabone fis-7:30 p.m.

7. **Attivitajiet Jum il-Kunsill**. L-attivitajiet pjanati ta' din il-Gimgħa ser issiru. Dawn huma intervista ma' James Azzopardi nhar il-Ħamis 15 ta' Novembru fil-Gebuba Wine Bar fis-7:30 p.m; il-kunċert "Sounds the Trumpet" fil-Knisja tal-Qalb ta' Gesu nhar il-Gimgħa 16 ta' Novembru; quddiesa ta' radd il-ħajr nhar il-Ħadd 18 ta' Novembru fid-9:30 a.m. Din il-quddiesa issir b'sufraġġju tal-mibkijin Joe Tabone u Frans Sammut, ex-sindku u kunsillier tan-Nadur. Għandhom jiġu mistiedna il-familjari ta' dawn iż-żewġ persuni biex jieħdu sehem fil-quddiesa.

8. **Korrispondenza:**

(4384) Memo 30/2012 Servizzi ta' Contracts Manger u Ta' perit
(4385) Memo 40/2012 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li Għandhom ir-responsabbilta' ta' Librerija Lokali
(4386) Memo 41/2012 – Mistoqsia Parlamentari Numru 37719
(4387) Ittra mil-Moviment Kerygma dwar Premju Zagħzugħ tas-Sena 2012
(4388) Email mingħand l-MTA dwar MTA Info Seminar Invitiation
(4389) Ittra mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar l-attivita tal-Milied "Taste of Christmas"
(4390) Permess tal-MEPA – Community Centre
(4391) Remindar Memo 114/2010- Linji Gwida dwar żbir ta' Sigar
(4392) Email mit-Transport Malta dwar linji sofor fi Triq Grunju
(4393) Email mit-Transport Malta dwar linji sofor fi Triq il-Madonna ta' Lourdes u mirji fi Triq Għajn Qasab
(4394) Ittra minn Care Malta dwar Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder Care
(4395) Ittra mid-Direttur Eco Gozo dwar il-proġett ta' Eco Gozo f 'Wied Bingemma
(4396) Ittra mill-MUSEUM Bniet dwar is-servizz ta' trasport
(4397) Ittra minn giovann Cefai – Gozo Horse Racing Association dwar Gozo Local Council Heats
(4398) Ittra minn l-ETC – Skema Xogħol fil-Komunita' dwar attendenza tal-parteċipanti
(4399) Dawl fil-kantuniera ta' Triq it-Tramuntana ma Triq Ta' Said
(4400) Ittra mit-Transport Malta dwar Un/Loading bay fi Triq it-Tigrija
(4401) Ittra mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Mobile Kiosk
(4402) Memo 43/2012 Responsabbiltajiet ta' Segretarju Ezekuttiv
(4403) Ittra mill-ETC dwar impjieg ta' gardenar fl-iskema ta' imjieg inklussiv fil-komunita'
(4404) Ittra mill-Gozo SPCA dwar klieb abbandonati
(4405) Ittra mill-Grupp Armar tal-Pjazza dwar l-attivita Taste of Christmas
(4406) Acknowledgement mit-Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq il-Qala kantuniera ma Triq Dun Guzepp Vella
(4407) Acknowledgement mit-Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq Il-Madonna ta' Lourdes kantuniera ma Triq il-Madonna ta' Fatima

9. **Ittra Anonima.** Il-Kunsill irċieva ittra anonima u bħal ma sar fil-leġislaturi ta' qabel, il-Kunsill iddecieda li ma jagħtix importanza lil dan it-tip ta' ittri. Jekk xi ħadd jrid jagħmel ilment jew jagħti xi suġġeriment għandu jiddentifika ruħu – il-Kunsill jżomm il-kunfidentzjalita ta' minn jagħmel l-ilmenti. Il-Kunsill ser iżomm l-obbligu tiegħu li jżomm it-toroq li huma responsabbilita tal-Kunsill nodfa.

10. **Skema tal-librerija.** Il-Kunsill ser jieħu sehem fl-iskema tal-libreriji (Memo 40/2012). Il-Kunsilliera qablu li jinxtraw b'€500 kotba għall-librerija tan-Nadur. €250 jiġu mħallsin mill-Kunsill u €250 l-oħra minn din l-iskema.

11. **Moviment Kerygma.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Moviment Kerygma dwar il-premju Zagħzugħ tas-Sena. Il-Kunsill ser jibgħat kopja ta' din l-ittra u applikazzjoni lil MUSEUM tas-Subien u tal-bniet kif ukoll liċ-Ċentru Parrokkjali biex tiġi nominata persuna minn dawn l-għaqdiet.

12. **Premju Nazzareno Vassallo.** Il-Kunsill irċieva ittra u applikazzjoni tan-nomina għall-Premju Nazzareno Vassallo (Initiatives in elder Care). Is-Sindku Charles Said issuġġerixxa li l-Kunsill jinnomina lil Dun Mario Cassar. Dan għaliex Dun Mario Cassar qed jaħdem ħafna biex issir faċilita' għall-persuni anzjani fejn ikunu jistgħu jorqdu bil-lejl biex ma jkunux waħidhom. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din in-nominazzjoni. Għandu jiġi nformat Dun Mario Cassar u jekk jaċċetta tintbagħat in-nominazzjoni sa nhar il-Gimgħa 16 ta' Novembru. Fl-laqgħa oħra tal-Kunsill, il-quddiem, għandu jkun hemm fuq l-agenda dan is-suġġett u kif il-Kunsill jista' jkun ta' ghajnuna biex tinħoloq facilita ta' dan it-tip.

13. **Skema ta' traffiku.** Inġibed l-attenzjoni li hemm bżonn ta aktar sinjali fil-kantuniera ta' Triq il-Knisja ma' Pjazza San Pietru u San Pawl. Għandha tintbagħat ittra lit-Transport Malta dwar dan.

14. **Gozo Horseracing.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Horseracing Assocation fejn il-Kunsill ġie informat li qed tiġi organizzata "Gozo Local Council Heats" fil-festa tal-Kunċizzjoni. F'din it-tiġrija s-Sindki jirkbu ma' ġerrej. Huma talbu wkoll €200 minn kull Kunsill. Il-Kunsill tan-Nadur diġa qed jieħu ħsieb jorganizza t-tiġrija taż-żwiemel fl-okkazzjoni tal-Imnarja. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li ma jieħux sehem f'din l-attivita.

15. **Dawl tat-Triq.** Ġie diskuss in-nuqqas ta' "street lighting" fil-kantuniera ta' Triq ta' Said u Triq it-Tramuntana. Dan minn meta tneħħa l-arblu li kien hemm fl-istess kantuniera. Il-Kunsilliera qablu li dan l-arblu għandu jerġa' jitwaħħal speċjalment meta dan kien qiegħed fit-triq u mhux ma propjeta privata. Għandha ssir laqgħa mal-inġinier ta' l-Enemalta dwar dan.

16. **Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita'** Il-Kunsill irċieva tlett applikazzjoni għall-pozizzjoni ta' ġardinar *part-time* f'din l-iskema. Il-Kunsilliera għażlu lil Norbert Buttigieg għal dan ix-xogħol. Il-finanzjament tas-salarju tal-persuni b'dizabilita' ser jiġi provdut mill-gvern.

17. **Skema tal-Public Private Partnership.** Il-Kunsill qed jistenna r-rizultati tat-tarmac testing (kif stipulat fil-kuntratt) qabel ma jagħmel it-tieni pagament fuq dawn it-toroq.

18. **Ġnien il-Kunsill.** Kif kien ġie deċiż fl-laqgħa preċedenti, il-Kunsill xtara żewġ spring riders għat tfal. L-Ispring riders il-qodma peress li kienu għadhom fi stat tajjeb ser jitpoġġew fil-grawnd tal-iskola primarja għall-użu tat-tfal tal-klassijiet tal-kinder.

19. **Pubblikazzjoni tal-Kunsill.** Josianne Cutajar talbet biex fuq il-pubblikazzjoni tal-Kunsill ikun hemm talba biex dawk il-persuni li jkunu jridu jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Kunsill jinkitbu fil-Kunsill. Is-Sindku qal li l-pubblikazzjoni li jmiss diġa lesta .

20. **Ħarġa għall-Anzjani.** Il-ħarġa għall-anzjani li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru fit-3:30 ta' wara nofsinhar. Il-Kunsilliera mitluba li qabel il-ħarġa jiġu l-Kunsill biex jinfetħu l-offerti u kwotazzjonijiet peress li hemm il-kwotazzjonijiet tat-tizjin tal-Milied li hija urġenti.

21. **Attivita fi zmien il-Milied.** Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li hu ġie avviċinat mis-Sindku tal-Mellieħa dwar opportunita biex jitellgha kunċert minn ABBA Gold (tribute band) fin-Nadur ftit jiem qabel il-Milied. Dawn il-grupp ser ikunu Malta biex jagħtu żewġ kunċerti (wieħed fil-Mellieħa). Il-Kunsilliera staqsew lis-sindku kemm jiswa fondi biex dan issir. Is-Sindku qal li hu għad m'għandux stima finali iżda hija ta' madwar €4000. Il-Kunsilliera qablu li jittella' dan il-kunċert fid-dsatax ta' Diċembru fil-Pjazzetta. Il-Kunsill ser jitlob diversi entitajiet sponsorship għal dan il-għan.

22. **Leave tas-Segretarju Ezekuttiv.** Is-Segretarju Ezekuttiv faddlilha madwar 120 siegħa ta' leave minn din is-sena. Dan għaliex fis-sena 2011 ma kienx hemm skrivan permanenti mpjegat mall-Kunsill u għalhekk hi ma setgħatx tieħu l-leave tagħha. Il-Kunsilliera unanimament qablu li dan il-leave għandu jigi akkumulat għas-sena 2013.

23. **Kunsill taż-żgħażagħ.** Għandu jsir laqgħa ta' nformazzjoni għaż-żgħazagħ bejn l-eta ta' 16 u 25 nhar il-Gimgħa 18 ta' Jannar 2013 Dan biex ikun jista' jigi ffurmat il-Kunzill taż-Żgħażagħ.

Il-laqgħa ntemmet fis-6 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru fit-3.00 ta' wara nofsinhar.